# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 72

12 ta' Diċembru 2023

It-tnejn u sebgħin (72) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 12 ta' Diċembru 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

72.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

72.1.1. Is-Sindku VB ressaq ittra t'apoloġija mingħand il-Viċi Sindku AD li nforma li ma jistax jattendi. Il-Kunsill laqa' t-talba.

72.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

72.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-wieħed u sebgħin (71) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

72.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 71.10.4.1 li għandha taqra "faċċata, jiġifieri Pjazza Tritoni u t-terminus".

72.2.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, JP, VB, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

72.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 71.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-Fosos. Is-SE qal li hu kien bagħat korrispondenza fis-6 ta' Diċembru 2023 però sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġiba. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

72.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 71.2.13 rigward il-fanali ornamentali u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġeb li l-aħħar indikazzjoni kienet ingħatat mill-Viċi Sindku li dakinhar kien skużat mil-laqgħa.

72.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 71.2.5 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li sa dakinhar ma kienx hemm risposta.

72.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 71.2.7 rigward it-tabelli ta' Triq Nazzjonali u Triq Sant'Anna u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li ma kienx hemm iktar komunikazzjoni mill-aħħar darba iżda għandu jerġa' jikkomunika magħhom dwar dan.

72.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 71.2.9 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward id-dwal bejn il-Grand Hotel Excelsior u l-Phoenicia Hotel. Il-Kunsilliera SSH qalet li jidher li hemm xi rifletturi installati jiġifieri kien hemm dawl iżda għadha qed

tipprova tiskopri ta’ liema entità huma peress li l-Enemalta kienet informat li dawn id-dwal ma kienux tagħha.

72.2.8.1. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li l-Kunsill jipproponi li jiżdiedu r-rifletturi ta’ mal-art. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jkellem lill-Infrastruttura Malta.

72.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 71.4.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tal-kwistjoni tal-bagħal taż-żunżan. Il-Kunsill qabel li għandu jottjeni kuntatt ta’ sterminatur u jara jekk il-problema għadhiex tippersisti minħabba li t-temp kien qaleb f’daqqa u għalhekk jaf ġiet riżolta b’mod naturali.

72.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 71.4.5 rigward it-tabelli tal-iscooters fi Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta minn Ambjent Malta.

72.2.11. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 71.4.8 rigward il fanali ornamentali ta ħdejn il-Kapuċċini u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li hu kien kiteb lill-Enemalta iżda kien għad m’hemmx risposta. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Pulizija sabiex jara min kien li kkaġuna l-inċident u jekk kienux ittieħdu passi kontra l-individwu.

72.2.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 71.4.9 rigward it-tabelli tat-Tritoni Guesthouse. Is-SE qal li t-tabella kienet iċċaqalqet minn quddiem il-bieb tal-guesthouse iżda għandha terġa’ titressaq sabiex tkun iktar viċin il-kaxxi l-bojod.

## 72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

72.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjetà tal-Istorja u Kultura Floriana li appellaw għar-restawr tal-istatwa ta’ Kristu Salvatur.

72.3.1.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li din l-istatwa kienet privata u għalhekk ir-restawr ma setax jaqbad u jsir. Hija qalet li kienet qed tindaga sabiex tipprova tottjeni n-numru ta’ kuntatt tas-sidien.

72.3.1.2. Is-Sindku semma wkoll li fil-passat, il-Kunsill kien tħajjar jixtriha iżda l-ammont mitlub kien wieħed eżorbitanti.

72.3.1.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jkellem lill-Ministeru u jispjegalhom is-sitwazzjoni sabiex jara x’jista’ jsir.

72.3.2. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mil-Kunsill Ekonomiku tal-Parroċċa u offra li jiġi organizzat kunċert orkestrali b’mod konġunt nhar it-13 ta’ Jannar 2024. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika magħhom sabiex jara x’ser tkun l-ispiża.

72.3.3. Is-Sindku VB ressaq korrispondenza mingħand persuna li talbet li l-Kunsill jirrikonsidra l-post fejn ser jitħawwlu s-siġar tal-palm peress li kien hemm problemi loġistiċi. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jżomm il-pożizzjoni tiegħu li l-palm jinżera ħdejn l-oħrajn fi Triq Sant'Anna.

72.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-ERA fejn talbet lill-Kunsill jipproponi post alternattiv fejn jistgħu jitqegħdu l-bring in sites. Huma komplew billi nformaw lill-Kunsill li l-iskema għandha tbattal il-bring in sites appena jimtlew u talbu lill-Kunsill biex meta jibgħat email lill-iskema, jikkopja lill-ERA sabiex ikunu jistgħu jassiguraw li dawn verament jitbattlu. Il-Kunsill qabel li jaċċetta bil-kundizzjoni li jkun hemm żmien ta' prova biex wieħed jassigura li verament jiġu mbattla meta l-Kunsill jinforma li dawn ikunu imtlew.

## 72.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

72.4.1. Il-Kunsillier JAE ressaq ilment mingħand persuna li ppropona li jagħmel manutenzjoni tan-niċċa inkluż bieba, b'mod volontarju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

72.4.1.1. Is-Sindku qal li ikun iktar ekonomiku li jkun hemm dawl bil-batterija għax biex isir meter ser ikun hemm spiża kbira. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

72.4.2. Il-Kunsillier JAE ressaq suġġeriment biex il-Kunsill jistaqsi rigward xi siġar fil-Masġar tal-Ġublew. Is-SE għamel riferenza għal artiklu riċenti fejn il-Ministru Miriam Dalli qalet li ħadd mil-Ministeru tagħha m'għamel dawn il-marki mas-siġar. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat jistaqsi.

72.4.3. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għat-talba għal kameras tas-sigurtà u staqsiet jekk kienx hemm xi risposta. Is-SE qal li t-tabelli kienu twaħħlu kmieni iżda l-kwotazzjoni kienet finalizzata u għandhom jintbagħtu l-invoices. Huwa qal li l-kameras ser jibdew jiġu nstallati fl-aħħar ta' Jannar.

72.4.3.1. Is-SE ppropona li tintbagħat ċirkolari lir-residenti li tinforma li qed jitwaħħlu l-kameras tas-sigurtà li ser jibdew ikunu immonitorjati mil-LESA u li kwalunkwe abbuż ser jibda' jġorr miegħu multi.

72.4.4. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għat-tabelli li għandhom jitwaħħlu fil-pjazez relatati mal-annimali. Is-SE qal li t-tabelli kienu ordnati u għandu jiġi konfermat l-artwork.

72.4.5. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-kwistjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku nforma li kien qed jistenna risposta għal laqgħa mal-Head of Enforcement tad-Dipartiment tal-Artijiet.

72.4.6. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward it-twaħħil tal-bankijiet Taħt il-Forka. Is-SE qal li l-bankijiet kienu ordnati iżda għadhom ma waslux. Huwa qal li għandu jerġa' jdur il-kwotazzjonijiet biex filkaż jiġu ordnati mingħand ħaddieħor.

72.4.7. Is-SE għamel riferenza għaż-żamma tal-ġonna. Huwa nforma li kien qed jitlob kwotazzjonijiet għall-bins fil-ġonna ħalli l-kuntrattur il-ġdid isibhom hemm. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

72.4.7.1. Is-SE qal li kien kellem lill-kuntrattur rigward il-kwistjoni taż-żabra tas-siġar. Il-kuntrattur kien informah li hu kien għamel iż-żabra tas-siġar li seta' iżda kien hemm siġar li ma setgħux jintmissu mingħajr ma jinġieb permess mill-ERA. Il-Kunsill innota dan.

72.4.7.2. Is-SE qal li kien tkellem mal-kuntrattur sabiex jinżergħu xi ftit fjuri fiż-żona tal-gabbana fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

72.4.8. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li jinġiebu xi Green wardens fi Triq Vincenzo Dimech. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

72.4.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-Wifi tal-ġnien u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li kien bagħat email lill-kuntrattur kif ukoll lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali iżda sa dakinhar kien għad ma kellux risposta definittiva dwar dan.

72.4.10. Il-Kunsilliera SSH irringrazzjat lill-Fondazzjoni għall-iżvilupp taż-Żoni Turistiċi FTZD għall-arbuxelli li nxtraw u tħawlu fi Triq il-Mall. Is-Sindku qal li dawn ser ikunu inklużi mal-kuntratt tas-soft areas sabiex jibdew jissaqqew ukoll.

72.4.11. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-biċċa ta' wara l-grawnd fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li din kienet mudlama ħafna u li hemm ukoll xi globi mkissrin. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista' jsir.

72.4.11.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li n-nofs ta' Ġnien Preziosi kien mitfi wkoll. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika x'ikkaġuna dan.

72.4.12. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk jistax jitneħħa d-double yellow line ta' ħdejn il-Housing. Is-SE nforma li dan ma setax jaqbad u jitneħħa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' Infrastruttura Malta.

72.4.13. Il-Kunsilliera SSH irringrazzjat lill-Gvern Ċentrali tal-monument ta' Oliver Friggieri li sar fil-lokalità.

72.4.13.1. Il-Kunsilliera JP informat li hi kienet imsiefra u għalhekk ma setgħetx tattendi għall-inawgurazzjoni.

72.4.13.2. Il-Kunsillier JAE qal li m'hemmx xi jżid ħlief li jalla ngħixu lill-Oliver Friggieri kif għandu jkun fl-eżempju tagħna u li l-valur t'Oliver Friggieri ngħixuh kollha kemm aħna għax il-valur li ħalla lin-nazzjon huwa wieħed kbir.

72.4.13.3. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Gvern Ċentrali kif ukoll lill-Heritage Malta.

## 72.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

72.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 72.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

72.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 55/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

72.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera SSH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

72.6.1.2. Is-SE talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jgħaddi depożitu t'erbgħin fil-mija lill-kuntrattur li ser jissupplixxi l-kameras peress li l-kont kien għadu ma wasalx sal-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

## 72.7 Attivitajiet 300 sena mit-twelid tal-Floriana

72.7.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-ġimgħa ta' qabel kienet inżammet laqgħa sabiex jiġi approvat il-logo li ser jintuża. Huwa qal li kienu ġew sottomessi sitt logos li minnhom intgħażel wieħed. Huwa kompla billi qal li l-artist kien mitlub jagħmel xi modifiki żgħar sabiex ikun jista' jiġi finalizzat u ppublikat.

72.7.2. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel baġit għall-attivitajiet tat-300 sena mit-twelid tal-Floriana u dan sabiex ikun jista' jkun hemm pjanar finanzjarju.

## 72.8 Inawgurazzjoni tas-Senior Citizen Centre u Festa Liturġika

72.8.1. Is-SE qal li kien ikkomunika mas-Segretarjat sabiex issir koordinazzjoni bejn is-Segretarju Parlamentari tal-gvern lokali, il-Ministru għall-fondi Ewropej u l-Ministru għall-Anzjanità attiva. Huwa qal li sa dakinhar kien għad ma rċeviex konferma tad-data u kien informat li għandu jkollu risposta sa nofs ix-xahar.

72.8.2. Is-SE kompla billi qal li l-Kunsill kien issuġġerixxa d-data tad-19 ta' Jannar 2024 biex taħbat ukoll mar-riċeviment annwali li jsir fl-okkażjoni tal-festa liturġika.

## 72.9 DATA TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

72.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi data għal-laqgħa tal-lokalità. Il-Kunsill qabel li tinżamm nhar it-Tnejn 15 ta Jannar 2025 fis-7pm.

## 72.10 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

72.10.1. Il-laqgħa intemmet fis-18:30 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2024 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 15 ta' Jannar 2024**

(iffirmat)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv